MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2013

Appell Kriminali Numru. 272/2012

**Il-Pulizija**
**v.**
**Joseph Cini**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkuża miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Joseph Cini, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 304664(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

(1) ġewwa ta' Sliema nhar l-20 ta' Ottubru 2008 għall-ħabta tas-6:15 ta' filgħaxija bil-ħsieb li jagħmel delitt u cioe` li mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' l-iSpettur Jeffrey Cilia u l-Kuntistabbli tal-Pulizija 294 Robert Ebejer f' periklu ċar, ikkaġuna offiża ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna ta' l-iSpettur Jeffrey Cilia;
(2) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna tal-Kuntistabbli 294 Robert

Ebejer, skond ma ċċertifika Dr K Borg MD ta’ l-iSptar Mater Dei;
(3) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b’ħebb ta’ kontra l-iSpettur Jeffrey Cilia u tal-Kuntistabbli 294 Robert Ebejer, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti, waqt liema attakk jew reżistenza, uża arma regolari, jew ħa fuqu minn qabel din l-arma bil-ħsieb li jgħin dak l-attakk jew reżistenza, u nqabad b’din l-arma fuqu;
(4) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta’ l-iSpettur Jeffrey Cilia u tal-Kuntistabbli 294 Robert Ebejer, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta’ dan is-servizz;
(5) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara li teċċedi l-valur ta’ ħamsin lira Maltin 23.29 euro saret għad-dannu tal-Kuntistabbli 294 Robert Ebejer;
(6) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-Pulizija jew ma ħalliex jew fixkel diversi uffiċjali tal-Pulizija waqt li kienu jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b’xi mod bla jedd indaħal fl-istess dmirijiet billi ma ħalliex lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jagħmlu dak li b’liġi kienu ordnati li jagħmlu u billi ħassar jew ġab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija bħala awtorita` kienu għamlu u dan ai termini tal-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
(7) ġewwa l-iMsida nhar-il 5 ta’ Settembru 2008 għall-habta tal-5.15 ta’ filgħodu bħala persuna miżmuma skond il-liġi ġewwa l-Isptar Mater Dei, ħarab mill-kustodja tal-persuni nkarigati mill-kustodja tiegħu u dan bi ksur ta’ l-artikolu 152 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
(8) ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija l-Floriana, hedded u nġurja lill-iSpettur Silvio Valletta, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew

bil-ħsieb li jbezzgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dan is-servizz;
(9) matul ix-xhur ta' Ottubru 2008 u fix-xhur ta' qabel f'lokalitajiet u f'ċirkostanzi differenti bil-kliem insulenta u hedded lil Carmelo Gerada u Miriam Bouvet u persuni oħra;
(10) fl-istess ċirkostanzi ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Carmelo Gerada u Miriam Bouvet u persuni oħra b'mod li kien jaf jew imissu kien jaf li dan ikun ta fastidju lil dawk il-persuni;
(11) fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, l-imġieba tiegħu kkaġuna biża' lil Carmelo Gerada u Miriam Bouvet li ser tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta` tagħhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-art 222(1);
(12) irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti ta' l-Appell u mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;
**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-24 ta' Mejju 2012 li permezz tagħha dik il-Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tad-disa', l-ghaxar u l-hdax-il imputazzjoni miġjuba kontra l-imsemmi Joseph Cini fiċ-ċitazzjoni u l-eċċezzjoni ta' *ne bis in idem* sollevata mill-istess Joseph Cini, u fil-waqt li ma sabitux ħati tat-tmien imputazzjoni miġjba kontra tiegħu fiċ-ċitazzjoni u lliberatu minnha, wara li rat l-artikoli 49, 50, 95(1), 96(a), 151, 214, 215, 216(1)(a)(b)(d), 221(1), 222(1)(c), 325(1)(d), 338(ee) u 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha miġjuba kontra tiegħu b'dan li ai fini tas-seba' imputazzjoni sabitu ħati tar-reat minuri, kompriż u involut u ravviżat fl-artikolu 151 tal-Kapitolu 9, u kkundannatu erba' snin priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Cini ppreżentat fl-4 ta' Ġunju 2012, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma li mhux ħati tat-tmien, disa', għaxar, u hdax-il imputazzjonijiet, filwaqt li tilliberah mill-imputazzjonijiet l-ohra u tirrevoka d-

digriet tat-8 ta' Frar 2012, u tagħti sentenza aktar ekwa u ġusta;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill- prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti: (1) li l-Ewwel Qorti limitatu sabiex jippreżenta provi li jikkorroboraw l-allegazzjoni tiegħu li l-Ispettur Jeffrey Cilia kien sawtu. L-appellant kien ippreżenta rikors fl-24 ta' Jannar 2012, fejn talab li jiġu ppreżentati provi ta' l-imputazzjonijiet li kien hemm fil-konfront ta' l-Ispettur Jeffrey Cilia, li sawwat persuna. Il-Qorti fid-digriet tagħha tat-8 ta' Frar 2012 qalet li din il-prova kienet kompletament irrilevanti għall-imputazzjoni odjerni u ċaħdet it-talba. L-appellant isostni li dan huwa ferm rilevanti li l-Ispettur li fil-konfront tiegħu qed jiġi allegat li sawwat l-appellant, jiġi akkużat bi swat u llum m'għadux fil-Korp tal-Pulizija. Di piu`, jgħid l-appellant, illum l-istorja żviluppat aktar stante li hemm garanzija mposta fuq l-Ispettur Cilia biex ma jimmolestax lill-Kummissarju tal-Pulizija u l-familja tiegħu. Barra minn hekk, fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti tgħid illi d-difiża ppruvat tattakka l-kredibilita` ta' l-Ispettur Cilia billi għamlet referenza għall-inċidenti li ġew rapportati fil-*media* fil-konfront tiegħu, u kkummentat li ma tistax tieħu konjizzjoni ta' dawn il-fatti għaliex mhumiex fl-atti. Kien għalhekk l-iskop tar-rikors ta' l-24 ta' Jannar 2012 sabiex ikunu fl-atti u biex il-ġudikant tieħu in konsiderazzjoni jekk il-verżjoni ta' l-appellant huwiex verosimili; (2) li l-piena li ngħatat mhijiex man-normi li ssoltu jingħataw.

**6.** Kwantu għall-ewwel aggravju jirriżulta mill-atti illi l-appellant kien intavola rikors fl-24 ta' Jannar 2012 fejn talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali "tordna lill-uffiċjal prosekutur iressaq bħala xhud lill-uffiċjal prosekutur li qed imexxi l-kawża kontra l-Ispettur Jeffrey Cilia u jġib miegħu kopja ta' l-akkuża f'dak il-kaz". L-Ewwel Qorti, wara li semgħet lill-partijiet, b'digriet tat-8 ta' Frar 2012 mogħti waqt is-seduta

miżmuma dakinhar[1] ċaħdet din it-talba "tenut kont li huwa kompletament irrilevanti għall-imputazzjonijiet odjerni jekk ittiħdux proċeduri kontra l-imsemmi Spettur". Din il-Qorti taqbel perfettament mad-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti. Dak li l-appellant ippretenda illi kellha tagħmel l-Ewwel Qorti kien illi tammetti bħala prova allegazzjonijiet magħmula kontra l-Ispettur Cilia, allegazzjonijiet li apparentement kienu s-suġġett ta' proċeduri penali pendenti kontra l-imsemmi Spettur Cilia, u dan meta, bħalma jmissu jaf l-appellant, mhux biss persuna imputata jew akkużata hi preżunta innoċenti sakemm tinsab ħatja, iżda l-proċeduri li dwarhom l-appellant ried li tiġi esebita l-akkuża ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-każ preżenti. Tajjeb illi ssir referenza wkoll għal dak li qalet preċiżament l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata:

**"Illi d-difiża qed tipprova tattakka l-kredibilita` ta' l-iSpettur Cilia u ssostni l-verżjoni tagħha li kien l-imputat li ġie attakkat u mhux vice versa, billi tagħmel referenza għal xi inċidenti li allegatament jikkonċernaw lill-imsemmi Spettur u ġew imxandra fil-*media* riċentement. F'dan ir-rigward il-Qorti hija tal-fehma li għandha tirrileva li hija tista' tieħu biss konjizzjoni ta' fatti mressqa u li ġew pruvati fil-proċeduri odjerni; allegazzjonijiet magħmula fil-konfront ta' kwalunkwe persuna u mhux pruvati għandhom neċessarjament jiġu skartati. L-imputat qed jistieden lill-Qorti biex tassumi li l-iSpettur Cilia kien vjolenti miegħu (b'mod li huwa kien ġustifikat li jirreżisti l-arrest) u dan a bażi ta' l-allegazzjonijiet imsemmija. Dan il-Qorti ma tistax tagħmlu. Hekk kif il-Qorti ma tistax tassumi li l-imputat huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu minkejja li huwa pluri-reċidiv b'diversi kundanni għal reati identiċi għal dawk in eżami u minkejja li fil-każ tiegħu il-kundanni mhumiex allegazzjonijiet imma fatti pruvati, bl-istess mod hija ma tistax tassumi li l-iSpettur Cilia kien vjolenti ma' l-imputat minħabba dawk li s'issa huma allegazzjonijet miġjuba kontra tiegħu. Kif diġa` ntqal huma l-fatti pruvati fil-kors tal-**

[1] A fol. 229

**proċeduri odjerni li jistgħu jittieħdu in konsiderazzjoni u huma dawn il-fatti pruvati li ser jagħtu kredibilita` lil wieħed jew lill-ieħor.”**

**7.** Din il-Qorti tikkondividi pjenament dan il-ħsieb ta’ l-Ewwel Qorti. Dik il-Qorti ddeċidiet u għamlet l-apprezzament tagħha a bażi tal-provi leġittimi prodotti, liema provi kienu jinkludu provi mediċi u li ngħataw l-importanza mistħoqqha mill-Ewwel Qorti. Għalhekk l-ewwel aggravju hu miċħud.

**8.** It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena. In materja ta’ piena l-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-liġi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt ingħatat[2].

**9.** Fil-każ in eżami l-appellant instab ħati ta’ l-ewwel seba’ imputazzjonijiet, b’dan illi għal dak li jirrigwarda s-seba’ imputazzjoni nstab ħati tar-reat minuri, kompriż u involut u ravviżat fl-artikolu 151 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, kif ukoll ta’ l-addebitu ta’ reċidiva. Is-sitt imputazzjoni hi ta’ natura kontravvenzjonali u għalhekk japplikaw il-paragrafi (b) u (d) ta’ l-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali. Il-paragrafu (d) jipprovdi illi persuna ħatja ta’ delitt wieħed jew aktar u ta’ kontravvenzjoni waħda jew aktar, tiġi ikkundannata biss għall-piena stabbilita għad-delitt jew għall-piena li jkun imissha tingħata lill-ħati minħabba l-konkors ta’ aktar minn delitt wieħed skont ir-regoli stabbiliti fil-paragrafi ta’ qabel dan, jekk il-piena li jmissha tingħata għad-delitti ma tkunx anqas minn tliet xhur priġunerija. Il-paragrafu (b) jipprovdi illi persuna ħatja ta’ żewġ delitti jew iżjed, li jaqgħu taħt pieni li jnaqqsu għal żmien il-libertà persunali, tiġi ikkundannata għall-piena tad-delitt l-aktar gravi biż-żieda minn terz san-nofs taż-żmien tal-pieni l-oħra kollha meħudin flimkien, b’dan li ż-żmien li jingħata ma jiskorrix ħamsa u tletin sena. Mill-komputazzjoni li għamlet din il-Qorti jirriżulta li l-appellant seta’ ġie kkundannat, bl-

[2] Ara, fost oħrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta’ Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta’ Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta’ Malta vs David Vella**, 14 ta’ Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta’ April 2003.

applikazzjoni wkoll ta' l-artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta minħabba r-reċidiva, għal piena massima ta' disa' snin priġunerija. Dan ifisser illi l-piena nflitta hi fil-parametri tal-liġi.

**10.** Fil-konsiderazzjonijiet tagħha l-Ewwel Qorti kkunsidrat in-natura tar-reati dedotti kontra l-appellant kif ukoll il-fedina penali refrattarja tiegħu li tinkludi kundanni għal reati identiċi għal dawk li dwarhom instab ħati. Din il-Qorti, li eżaminat il-provi kollha, tqis li l-inċident in kwistjoni ma kienx jiġri li kieku l-appellant ħalla lill-Pulizija jagħmlu dmirhom. F'dar-rigward tirreferi għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. John Mallia** mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta' Mejju 1960:

**"Jekk kien hemm … mhux biss il-'via di fatto', imma l-vjolenza effettiva, allura kien hemm l-attakk; għaliex hemm ir-reat meta l-kolpevoli jkun, kif jghid il-Carrara, Progr. Speciale, Vol. V, para. 2746, 'spinto la mano … contro il corpo dell'esecutore … manifestando intenzione di offenderlo'. Divers kien ikun il-każ kieku kien hemm sempliċi minaċċi jew sempliċi kliem oltraġġjuż, jew mera 'inazione' (*ibidem*. para. 2745, u Annotaz. alle Leggi Criminal ital-Avukat Dr. Gpe. Falzon, para. 481).**

**"Għandha tiġi rilevata wkoll ċirkostanza oħra. Fil-kaz tal-'arrestando' stess, kif kien ħu l-appellant, Lawrence Mallia, wieħed seta', kif evidentement għamel il-Maġistrat, iżomm quddiem għajnejh dan il-bran tal-istess Carrara, loc. cit.: 'La pratica ando` anche piu` oltre, e quantunque l'arrestando si fosse agitato colla persona, recando in tal guisa impaccio e difficolta` agli esecutori nel trasporto del proprio corpo, ed anche avesse portato la mano sul braccio dell'esecutore non per offenderlo, ma per distaccarlo dalla propria persona, disse che non vi era in tale contegno gli elementi della resistenza, scusando il contegno stesso come un moto istintivo procedente dal naturale desiderio della propria liberta`.'**

**"S'intendi dan kollu ma jkunx applikabbli malli l-'arrestando' jispinġi idejh fuq l-eżekutur biex joffendieh f'persuntu u jmur oltre s-sempliċi sforz biex jevadi l-arrest …."**

**11.** Fil-każ in eżami l-appellant mar lil hinn mis-sempliċi minaċċi u kliem oltraġġuż u lil hinn mis-sempliċi sforz biex jevadi l-arrest. Kif diga` osservat[3] hemm provi mediċi indipendenti li fuqhom setgħet tistrieħ l-Ewwel Qorti, u li jagħtu kredibilita` lill-*arresting officers* aktar milli lill-appellant. Difatti l-offiżi li ġarrab l-appellant, kif qalet l-Ewwel Qorti, "igiddbu" lill-appellant – bid-deskrizzjoni li ta tas-swat li jgħid li qala', kellu jispiċċa letteralment imbiċċer, Huwa evidenti li l-offiżi ta' l-appellant huma r-riżultat tar-reżistenza li għamel għall-arrest u għall-forza li kellha tintuża fuqu biex jitrażżan.

**12.** Il-Qorti trid tkun minn ta' quddiem biex tipproteġi lil uffiċjali pubbliċi li jkunu fil-qadi ta' dmirijiethom, partikolarment fejn tkun intużat xi forma ta' vjolenza fuqhom. Inoltre, bħalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deċiż fit-30 ta' Lulju 2004:

**"Din il-Qorti, kemm kif illum presjeduta u kemm kif diversament presjeduta, kellha l-okkażjoni diversi drabi li tfisser li, bħala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna l-piena għandha tkun dik ta' priġunerija <u>b'effett immedjat</u>. Il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deċiżiv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jiġi sventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruħha f'xi forma ta' vjolenza fiżika."**

**13.** Fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti ma tarax li huwa l-każ li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif eżercitata f'dak li huwa l-<u>quantum</u> tal-piena karċerarja.

**14.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha. Mill-piena nflitta jitnaqqas iż-żmien kollu li l-ħati Joseph Cini għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] *Supra* para. 7.